IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru51 (wieħed u ħamsin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 20 ta' Lulju, 2017, fil-6.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| L-Uffiċjal Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

51.1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

51.1 Kulħadd preżenti u l-Laqgħa bdiet fis-6.35pm

51.2 Item Nru 51.2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

51.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u kien hemm dawn il-korrezzjonijiet:

Minuta 3.2 flok "150,000" issir "100,000"
Minuta 3.11 flok il-kelma "għadnu" issir "għandu"
Minuta 4.3.2 flok il-kelma "gend" issir "genb"
Minuta 6.1 issir "Sar qbil li tiġi installata bozza ġdida fil-parking area ta' wara l-ground tal-football u oħra fi Triq Orlando Zabbar ma Trejqet il-Barumbara."

Wara dawn il-korrezzjonijiet il-Minuti ġew approvati unanimament

51.3 Item Nru 52.1 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

51.3.1 SSTP – Is Sindku qal li fil-laqgha li saret tal-Monitoring Committee fejn fiha kien hemm prezenti s-Sur Mario Zammit, s-Sur Stefan Cachia, s-Sinjura Elaine Saliba, s-Sur Paul Micallef minn naha tal-Water Services Corporation, imbghad is-Sur Saviour Camilleri bħala l-Liasing officer bejn il-WSC u l-Kunsill, u mill-Kunsill kien hemm is-Sindku, l-Kunsillera Joe Azzopardi u Antoinia Buttigieg u s-Segretarju Ezekuttiv. L-Ufficjali tal-WSC fehmuna x'qiegħed jiġri fil-preżent u issa l-pass li jmiss huwa li tinħareġ it-tender tas-siġar li ser jitħawwlu.

51.3.2 Triq San Leonardu – Is-Sur Valvo qal li rigward din it-triq hemm indikazzjoni li ser issir mil-ġdid għalhekk irridu naraw meta hu maħsub li ssir.

51.3.3 Recreational Centre – Is-Sindku qal li suppost kellna laqgha ffissata mal-Perit u l-Kuntrattur pero l-Perit ma tfaċċax minkejja li kkonfermalna li ser jattendi. Għalhekk importanti li nippjanaw ġurnata oħra mil-aktar fis possibbli.

Dan il-proġett irid jitkompla immedjatament minajr aktar dewmien.

51.3.4 Road Humps – Is-Sindku qal li irridu nibgħatu reminder rigward dawn ir-road humps lis-Sur Charles Muscat.

51.3.5 Xgħajra Day 2017 – Is-Sur Valvo qal li l-quddies u r-riċeviment ta' Xgħajra Day ser isiru nhar il- Ħadd 23 ta' Lulju mis-6.30pm –il quddiem. Imbgħad il-Ġostra ser issir nhar il-Ħadd 30 ta' Lulju fis-6.45pm. Kulħadd qabel.

51.3.6 Ħaddiema tal-Public Works – Is-Sindku ippropona li nagħmlu talba lid-Direttur tal-Public Works Ray Farrugia sabiex jiġu jagħmlu xogħol fuq il-ħadid tal-prominade u fejn huwa spiċċut għandu jinbidel. Il-Public Works għandhom jgħinuna bis-serjeta` bħal ma għamlu xogħlijiet f' Ħaż Żabbar u l-Kalkara.

51.3.7 Ħaxix ħażin Triq Karmelo Ritchie – Is-Sindku staqsa fuq dan il-ħaxix li kellu jinqata qabel jaqbad bin-nar u s-Segretarju qal li għandu jitlesta din il-Ġimgħa.

51.3.8 Korsijiet tax-xagħar u l-kant – Is-Sindku qal li bħala idea hija tajba pero qabel xejn irridu naraw kemm ser tkun il-konkorrenza. Għalhekk tajjeb li niċċirkolaw karta mar-residenti biex naraw kemm huma dawk l-interessati.

51.3.9 Jogging Track – Is-Sindku qal li ser nitolbu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari tal-isports l-Onor. Clifton Grima sabiex naraw kif ser inkomplu fuq din il-wiegħda tas-Segretarju

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Parlamentari preċedenti. F' din il-laqgħa li ser nippjanaw il-Kunsill qabel li jipproponi wkoll li jsir fence ġdid madwar id-ditch tal-Fortizza biex nevitaw il-periklu.

51.3.10 Gal Xlokk – Is-Sindku qal li ġimgħatejn ilu kella ssir laqgħa pero ġiet ikkanċellata minħabba nuqqas ta' kworum. Il-Kunsill qabel li nitolbu lil Gal sabiex jibdew jibgħatu l-Minuti tal-laqgħat fuq l-email tal-Kunsill.

51.3.11 Nuqqasijiet fis-servizz tal-ġbir ta' skart u knis – Is-Sindku qal li l-ġimgħa d-dieħla trid issir laqgħa ma' Wilson Mifsud sabiex nara x'inhu jwassal għal dan il-livell baxx mis-servizzi li joffri. Fost dawn in-nuqqasijiet hemm il-ħaxix ħażin mal-bankini, li qed jitħalla jikber ħafna, il-knis mhux qed isir kif suppost, u l-gbir ta' skart mhux qed jinġabar kollu.

Il-Kunsill ha deċiżjoni bi qbil unanimu li wara s-Sajf jitneħħew l-iskips kollha minħabba l-abbuż li qiegħed isir u l-ġbir tal-iskart iseħħ kollu bieb bieb.

51.3.12 Bus Shelter ma' genb iz-zuntier tal-Knisja – Is-Sindku qal li għamel it-talba mas-Sur Michael Cohen u qed nistennew bl-eżitu tagħha.

51.3.13 Is-Sindku qal li għandna proposta li norganizzaw sessjonijiet ta' tagħrif bit-tema ta' Għaqal fid-dar li jistgħu jibdew minn Settembru. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

51.3.14 Is-Sindku qal li kellna applikazzjoni ta' żvilupp minn garage għal centru tal-iscuba diving li fih hemm maħsub li jsir ukoll il-mili taċ-ċilindri. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jaqbel tintbgħat ittra ta' oġġezzjoni lill- Awtorita tal-ippjanar minħabba riskji li jista jkun hemm anke minħabba l-fatt li mhux ħa jkollhom entratura sekondarja. Il-Kunsill qabel unanimament li joġġezzjona għal din l-applikazzjoni.

51.4. Item Nru. 4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

51.4.1 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ staqsiet fuq il-possibilta li z-zebra crossing ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja jsirula Belishia lights minħabba li wara li jingħalaq il-bandli t-tfal qed jaqsmu għal Fort Park u z-zebra crossing tkun mudlama.

51.4.2 Is-Sa Buttiġieġ staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-problema tal-ilma ta' Triq il-Fabbriki. Is-Sindku qal li s'issa għadna ma kellnix feedback u nerġgħu nibgħatulhom reminder.

IX-XGĦAJRA

51.4.3 Is-Sinjura Doris Borg irringrazzjat lis-Sindku talli ta l-opportunita` li tattendi għal seminar bit-tema ta’ Green Roof Project bejn Malta u l-Italja. Is-Sa Borg qalet li kien interessanti ħafna pero għal Malta ma taħsibs li ser ikun suċċess minħabba l-bini għoli li qiegħed jinbena. Is-Sa Borg ipproponiet li nistaqsu l-għammieri jekk hux possibbli li ningħataw ammont ta’ pjanti u qsari biex jingħataw lir-residenti u li bihom inkunu qed insebbħu l-ambjent. Kulħadd qabel.

51.4.4 Is-Sur Neil Attard staqsa jekk nistgħu inkellmu lil Wardens biex jibdew jagħmlu ronda filgħodu bejn is-5.45am u s-6.45am minħabba n-nies li qed iħallu l-ħmieġ tal-klieb warajhom.

51.4.5 Is-Sur Attard qal li hemm bżonn ta’ xogħol fuq bankina u kurduna fi Triq l-Ispnott kantuniera ma’ Triq il-Fabbriki. Kulħadd qabel li ssir. Kif ukoll fl-istess triq il-Fabbriki issir tabella biex ma jarmux żibel fejn hemm il-plot vojt.

51.4.6 Is-Sur Joseph Azzopardi qal li hemm xogħol tal-WSC fi Triq Dwardu Ellul li hemm periklu kbir għaliex għaddej id-dawl ukoll. Għalhekk sar qbil li nagħmlu l-ilment mal-Enemalta bis-sistema biex ikunu avzati u nevitaw xi traġedja.

51.5. Item Nru 51.5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

51.5.1 Pagamenti b’numru 62 ġew approvati b’astenzjoni waħda.

51.6. Item Nru. 51.6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

51.6.1 Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa wkoll mal-Onor Deo Debattista sabiex nitkellmu fuq l-ambjent.

51.7. Item Nru. 51.7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

51.7.1 Jum ix-Xgħajra ġie diskuss fil-komunikazzjoni tas-Sindku

51.7.2 Is-Sur Attard qal li ser jipprova jieħu ħsieb attivita tat-tfal biex inżuru l-Explora. Għalhekk ser jipprova jirranga biex iġib prezzijiet tajbin.

51.8. Item Nru. 51.8 fuq l-Aġenda - Aġġornament

51.8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.05pm

IX-XGĦAJRA

Aġġornament għal-nhar it-Tnejn 28 ta' Awwissu, 2017 fil-5.30pm

IFFIRMAT

IFFIRMAT

______________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

______________________

Anthony Valvo

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt